# Beati u Qaddisin ...Frar

17 ta' Frar  Tifkira tas-seba' Fundaturi ta' l-Ordni ta' Marija (Is-Serviti)

Bejn is-sena 1225 u 1227 seba' zaghzagh fiorentini dahlu fil-Konfraternita' tal-Vergni Mqaddsa maghrufa bhala il-"Laudesi." Kien zmien meta Firenze kienet imkissra bil-partiti politici u bl-eresija tal-Katari. Il-liberta' fil-hwejjeg morali kompliet izzid it-tahwid.



Dawn iz-zaghzagh kienu kollha gejjin minn familji prominenti. L-akbar wiehed fosthom kien Buonfilgio Monald li sar il-mexxej taghhom. L-ohrajn kienu Alexis Falconieri, Beneditt dell'Antella, Amidei Ricovero Uguccione, Gerardinu Sostegni, u Giovanni Buonagiunta.

Bhala direttur spiritwali kellhom lil Gakbu ta' Poggibonsi, ragel ta' qdusija u hila kbira. Fehemu s-sejha li jirrinunjaw id-dinja u talbu hafna lil Omm Vergni. Fil-festa ta' Marija Mtellgha is-sema, kif kienu migbura fit-talb, Marija Ssma dehritilhom u

heggithom biex jabandunaw id-dinja u jservu lil Alla aktar mill-qrib. Kien biss fis-sena 1240 li s-seba' zaghzagh ingabru f'post ghall-kwiet biex jinghaqdu f'aktar intimita' m'Alla. L-iskop taghhom kien li jghaddu hajja ta' talb u penitenza. Sabu li l-post li fih kienu, kellhom hafna distrazzjoni u ghalhekk iritiraw taht il-muntanja Senario hdejn Firenze ghal inqas tfixkil. Hawn regghet deheritilhom il-Vergni Mbierka .

F'dak il-post twieled l-ordni msejha tas-Servi ta' Marija jew is-Serviti. Kienu maghrufa ghad-devozzjoni taghhom lejn is-seba' duluri ta' Marija. Wahda mid-devozzjonijiet taghhom hija l-Via Matris.  Addotaw regola bl-ispirtu ta' Santu Wistin. L-isqof f'wahda miz-zjarat li ghamilhom fl-eremitagg taghhom edifika hafna ruhu bil-qdusija taghhom u talabhom biex ihaddnu is-sacerdozju. Kollha barra wiehed, Alexju, li talab biex ma jircevix l-Ordni Sagri minhabba li hu ra lilu niffsu mhux denn, haddnu is-sacerdozju u maz-zmien fethu djar ohra fl-Italja.

Wiehed wiehed hallew din id-dinja u b'Alexju jmut l-ahhar wiehed. Ruma kienet gharfet il-kontribut taghhom izda kellhom jghaddu mas-sittin sena, jigifieri fis sena 1304 li s-Santa Sede taghthom l-gharfien ufficjali.